VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,963, 7 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 291 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors għandu jkun offrut fi kwalunkwe qasam ta' studju relatat mas-Sistemi Ambjentali fejn l-Istitut jista' joffri gwida u superviżjoni esperta, u suġġett għad-disponibbilità tar-riżorsi. L-oqsma ta' studju għandhom ikunu approvati mill-Bord qabel il-bidu tal-Kors.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu miksub fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) jew aħjar, f'dixxiplina relatata mas-Sistemi Ambjentali, jew f'xi qasam ta' studju ieħor li l-Bord iqis rilevanti, u miksub fl-aħħar għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors.

(2) Il-Bord, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jirrakkomanda d-dħul tal-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu miksub fit-Tielet Klassi (bl-Unuri), f'qasam ta' studju li l-Bord jikkonsidra bħala rilevanti, u miksub fl-aħħar għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors, sakemm li l-applikanti jkunu kisbu kwalifiki oħra, inkluża esperjenza rilevanti, wara l-grad tal-ewwel ċiklu. Il-Bord, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jitlob lil dawn l-applikanti biex isegwu programm supplimentari jew preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

(3) L-applikanti li jkunu kisbu l-ewwel grad tagħhom aktar minn għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors jistgħu jidħlu wkoll, sakemm li jagħtu prova suffiċjenti tal-kompetenza tagħhom biex isegwu l-Kors bi profitt. Il-Bord, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jitlob lil dawn l-applikanti biex isegwu programm supplimentari jew preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

(4) L-applikanti kollha jistgħu jintalbu juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-kapaċitajiet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta permezz ta' intervista estiża u / jew is-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni xierqa. F'każijiet fejn xi nuqqasijiet sinifikanti jiġu identifikati, il-Bord, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jeħtieg lill-applikanti jsegwu programm supplimentari u / jew programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

Il-Programmi Supplimentari u Preparatorji

5. (1) Il-programm supplimentari għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju fil-livell 4 jew anqas, li għalih hemm assenjati mhux aktar minn 10 kretti ECTS.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-programm preparatorju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju fil-livell 4 jew anqas, li għalih hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu ECTS u mhux aktar minn 60 krettu ECTS.

(3) L-istudenti li jkunu mitluba mill-Bord isegwu u jtemmu programm supplimentari u / jew preparatorju jkunu meħtieġa jgħaddu minnu b'marka medja ta' 55% jew aħjar, qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju *full-time*, jew l-ekwivalenti fi studju *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

7. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, u li jkun prinċipalment bir-riċerka Il-programm jinkludi taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 20 krettu ECTS, u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 70 krettu ECTS.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

9. (1) Dawk l-istudenti, li f'xi sena akkademika, jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn żewġ taqsimiet studju (jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time*) jew minn taqsima studju waħda (jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *part-time*), għandhom jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid tat-taqsimiet studju li weħlu fihom.

(2) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' taqsimiet studju permess skont il-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

10. L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni individwali ta' madwar 50,000 kelma, skont il-linji gwida maħruġa mill-Bord.

11. It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu sottomessi lill-Bord għall-approvazzjoni fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12. Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta.

13. (1) Kull student għandu jkun assenjat superviżur prinċipali, u fejn xieraq, ko-superviżur, li għandhom jipprovvdu gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-perijodu ta' studju.

(2) L-istudenti huma meħtieġa li jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom, u huma meħtieġa jirrapportaw għand is-superviżuri tagħhom għall-anqas darba kull xahrejn, u kif ukoll, kull meta s-superviżur prinċipali u / jew il-ko-superviżur tagħhom iqis neċessarju.

(3) Jekk l-istudenti jkollhom raġunijiet serji u validi biex jitolbu għall-bidla fit-tim tas-superviżjoni tagħhom (tas-superviżur prinċipali u / jew tal-ko-superviżur), dawn it-talbiet għandhom ikunu ndirizzati, u kkunsidrati, mill-Bord.

14. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: id-Direttur, bħala *Chairman*, jew id-delegat tiegħu / tagħha, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta d-Direttur ikun is-superviżur, hu / hi ma jkunx / tkunx maħtur/a bħala *Chairman*.

(2) Il-Panil tas-Superviżjoni għandu jsegwi, kif jidhirlu xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, u għandu jiltaqa' għall-anqas tliet darbiet fis-sena biex jirrevedi l-progress tagħhom.

(3) L-istudenti għandhom iressqu għall-approvazzjoni tal-Panil tas-Superviżjoni kwalunkwe modifika sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni; il-Panil tas-Superviżjoni huwa wkoll responsabbli biex jirrevedi t-talbiet għall-estensjoni tal-istudji u / jew għas-sospensjoni tal-istudji.

(4) Is-superviżuri għandhom jissottomettu lill-Panil tas-Superviżjoni rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studju, kemm jekk l-istudent qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* kif ukoll fuq bażi *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perjodu ta' studju jkun imtawwal biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jagħmel appell.

(5) Jekk is-superviżur prinċipali ma jkunx jista' jipprovdi l-ħin u jagħti pariri għal żmien estiż, għal kwalunkwe raġuni, il-Panil tas-Superviżjoni jkun responsabbli li jidentifika superviżur alternattiv.

15. Wara l-approvazzjoni tad-dissertazzjoni mill-Bord tal-Eżaminaturi, l-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu tliet kopji tad-dissertazzjoni b'legatura ħoxna lill-Istitut, b'kopja minnhom tinżamm fil-Librerija tal-Università, u kopja oħra tinżamm fil-Librerija tal-Istitut, kif ukoll għandha tingħata kopja f'format diġitali bħala fajl elettroniku.

Il-Klassifikazzjoni tal-Grad

16. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-komponenti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

17. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.